MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 335/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**John Mizzi ID 246090(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett t'elef, disa mija u tlieta u disghin euro u sebghin centezmu (€3993.70), liema soma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minn Mizzi John lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn is-sena 2007 u 2009, u dana in segwitu ta', u skond Client Contract No 428766, 428781, 429145, 429553, 429569, liema kuntratt huwa iffirmat minn Mizzi John.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju 2009, u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat mal-avviz u bl-imghaxijiet kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-21 ta' Ottubru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €3993.70 bl-imghaxijiet legali mit-30 ta’ Mejju 2009 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju 2009 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju presentat fl-10 ta’ Settembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------